**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 404/2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Adrian Lia Psaila**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Adrian Lia Psaila detentur tal-karta tal-Identita Maltija 274174 M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn **Jannar 2021 sa Awwissu 2021** meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas milli jaghti lil Claire Perry u/jew lill-uliedha,

is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

2. Ukoll talli bejn is-7 ta' Settembru 2021 u 8 ta' Settembru 2021, wara li kien avzat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz miktub mill-Pulizija PC2416 sabiex jattendi fl-Ghassa tal-Pulizija, sabiex jaghti dak it-taghrif u/jew igib mieghu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinhtiegu fuq xi investigazzjoni, naqas li jaghmel dan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-26 ta' Settembru 2022 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Adrian Lia Psaila prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 t'Ottubru 2022 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar** s-sentenza appellata u konsegwentement tiddikjarah mhux hati taghha u b'hekk tilliberah minn kull htija u piena u, fin-nuqqas li tilqa' dan l-aggravju, tapplika piena inqas kiefra u harxa kif jidrilha xierqa u opportun;

Rat l-aggravji fir-rikors tal-appell;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jidher li qed jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha meta sabitu hati li naqas milli jaghti l-manteniment lill-martu kif ordnat mill-Qorti u dan ghaliex ir-raguni ghan-nuqqas tieghu kienet dovuta ghall-introjtu baxx. Inoltre, l-appellant ressaq ukoll il-gravam tal-piena harxa moghtija fil-konfront tieghu. Minkejja dan, l-appellant irtira l-ewwel aggravju u zamm ferm dak rigwardanti l-piena erogata u dan wara li fil-mori tal-appell ssalda l-obbligu tieghu fil-hlas tal-manteniment dovut;

2. Illi l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti u kkonfermat illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;

3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Illi ghalhekk filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel aggravju kif ukoll tat-talba ghat-thassir tas-sentenza appellata, tilqa' t-tieni aggravju b'eccezzjoni ghall-principju appena osservat kwantu l-piena u konsegwentement qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' tlett xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal twiddiba.